MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Numru. 498/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDMOND CUSCHIERI**
**KONTRA**

**LILIANA MINTOFF**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Liliana Mintoff, bint Anthony Turner u Margaret nee' Muscat, mwielda Pieta' nhar il- 25 ta' Jannar 1973, residenti fil- fond 18, Flacon Crest, Triq Fabrizio Bartolo, Mosta u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 111573(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fil- 5 ta' Dicembru 2008, gewwa residenza 18,Falcon Court, Triq Fabrizio Bartolo, Mosta, ghall- habta tan-12.30hrs;

1) ghamlet griehi ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Michael Mintoff kif iccertifikat Dr. Ethel Farrugia mill-Mosta Health Centre;

2) u aktar talli fl- istess hin, data, lok u cirkostanzi gabet ruhha b' mod li tikkaguna lil Michael Mintoff jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l- propjeta' tieghu jew kontra l- persuna jew il- propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl- Artikolu 222(1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti l-Qorti hi tal-fehma li dan l-incident kien wiehed domestiku bejn koppja mizzewwga li ghaddejja mill-procedura ta' separazzjoni b' hafna animosita' bejn il-partijiet. L-imputata giet akkuzata li ghamlet offiza gravi fuq ir-ragel taghha, b' konsegwenza li hu wegga' sinna billi din inkisret. Il-Qorti tara li hi ftit inverosimili li, skond id-dinamika tal-incident kif xehdu l-partijiet, l-imputata uzat sahha bizzejjed biex tikser sinna tar-ragel taghha. Minn dak li semghet il-Qorti fuq dan il-kaz, l-incident kien aktar wiehed fortuwitu milli intenzjonali, u l-partijiet it-tnejn kellhom rabja ghal xulxin fil-hin tal-incident. Inoltre, mill-provi l-Qorti hi ukoll tal-fehma li l-offiza sofferta mill-parte civile kienet wahda hafifa u mhux

gravi, peress illi ma giex ippruvat li kien hemm konsegwenza permanenti fis-sahha ta' Michael Mintoff. Huwa indikattiv li hu mar ghand dentist aktar minn xaharejn wara l-istess incident, u m' hux tempestivament bhal ma ghamel ghac-certifikat mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana. Ghalhekk il-Qorti qieghedha ssib lill-imputata hatja ta' offizi hfief involontarji, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u sejra taghti piena ai termini tal-Kap 446.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 339 (1) (e), 251 (1) (B) u 221 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imsemmija imputata hatja tat-tieni(2) akkuza u ghaldaqstant tilliberaha. Issib lill-imputata hatja tal- ewwel (1) imputazzjoni bhala offiza hafifa involontarja taht l- Artikolu 226(1)(c), u ghalhekk tilliberaha bla kundizzjoni, ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------